**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Disgħa u Għoxrin (29)

## It-Tlieta, 15 t' April 2021

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' *Online* (Għawdex), fil-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**29.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

L-Ambaxxatur taż-Zgħazagħ ma setax jattendi minħabba impenji oħra.

**29.2. Korrispondenza: EP 1058/21- Removal of Mulberry Trees.**

Is-Sindku innota li din l-laqgħa issejħet minħabba li ERA talbu approval tal-Kunsill tan-Nadur fuq siġar biex jiġu trattati u oħrajn indikati fir-rapport tagħhom biex jinqalaw fit-triq it-Tigrija u fi Triq il-Qala. Is-Sindku innota li hu ser jimxi mar-rapport tal-ERA peress li dan sar studju bil-miktub mill-ERA li huma nies esperti fuq dan il-qasam. Is-Sindku talab lil Kunsilliera biex jgħatu l-veduta tagħhom fuq din. Il-Kunsillier Joseph Vella qal li hu flimkien ma esperti oħra marru fuq is-siti indikati u qal li ċertu sigar veru qedin fi stat ħazin izda Tree 22 ma jaqbilx li għandha tinqala peress li għada ħajja u fija l-weraq. Hu talab li l-esperti li għamlu r-apport jerġgħu jiġu jaraw din is-siġar fi zmien li ma tkunx rieqda. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli ukoll innota li din is-sigar no.22 tista tiġi salvata u mhux titneħħa. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri qal li hu ħa jimxi mar-rapport tal-ERA. Il-Kunsillier Josef Camilleri qal li hu ma jieħu qatt pjaċir li jinqalaw siġar.

Wara li kullhadd tkellem is-Sindku għamel mozzjoni.

Mozzjoni mingħand is-Sindku:-

Fid-dawl tal-fatt li saru site visits minn esperti u l-ERA u qed jipproponu li jinqgħalu 3 siġar qed nitlob li ngħatu l-approvazzjoni ibbazat fuq:-

1) Ikun hemm permessi meħtiega kollha minn l-awtoritijiet.

2) Jinqalaw 3 siġar identifikati BISS jekk terġgħa isir spezzjoni minn esperti u jkun hemm rapprezentant mill-Kunsill.

3) Kull siġra li tinqala trid tiġi mibdula b'oħra MATURA.

4) Isir trattament tal-bqija tas-siġar kontra marda li ħakmithom.

5) Nikkunsidraw ukoll il-qlugħ ta' no.20 minħabba complaints ta' residenti dan sabiex nevitaw kull tip ta' periklu li tiegħu irid jerfa' responsabilita' ukoll il-Kunsill Lokali.

L-aħħar deċizjoni tkun tal-esperti wara spezzjoni li ser terġgħa isir kif diskuss ma l-ERA u għalhekk tkun dik finali.

Issekondat :- Jean Paul Portelli.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

Favur kullhadd.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |